MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 320/1994/2

**Louis Scicluna u Joseph Pace ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` "Brittania Catering" Co. Ltd" u l-istess Louis Scicluna f'ismu proprju.**

**vs.**

**Victor Camilleri u Nathalie Pace ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` "Natvic Lifts and Services Limited".**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici pprezentata fit-2 ta' Marzu 1994 a fol. 1 tal-process quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorabbli Mhallef Joseph D.Camilleri fejn gie premess:-

Illi s-socjeta’ konvenuta kellha tinstalla zewg *“dumb-waiters”* fil-Magic Kiosk, St Anne Square, Sliema, propjeta’ tas-socjeta’ attrici;

Illi dan ix-xoghol kien difettuz, u sar hazin u mhux skond l-arti u s-sengha u *inoltre* kien hemm partijiet neqsin, bhal bibien, b’mod li dawn id-*dumb-waiters* ma setghux jintuzaw ghall-iskop li gew installati ghaliex meta gew uzati kif gew installati mill-konvenuti *nomine* saret hafna hsara fl-oggetti li tghabbew fihom u ghalhekk kellhom jigu kompletati minn terzi kif jigi pruvat waqt t-trattazzjoni tal-kawza;

Illi minhabba dan ix-xoghol hazin u diffettuz l-atturi soffrew danni konsiderevoli li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti *nomine*;

Illi l-konvenuti *nomine* gew mitluba diversi drabi biex jadduvjenu ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-atturi kif qabel spjegat, anke permezz ta’ ittra ufficjali tal-25 ta’ Awissu 1993, izda huma baqghu inadempjenti;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi x-xoghlijiet maghmula u esegwiti mill-konvenuti *nomine* fl-istallazzjoni taz-zewg *dumb-waiters* fil-Magic Kiosk, St. Anne Square huma difettuzi, u ma sarux skond l-arti u s-sengha u anke hemm xi partijiet neqsin kif qabel spjegat;

2. Tiddeciedi u tikkundanna lill-konvenuti *nomine* responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi minhabba x-xoghol minnhom esegwit kif qabel spjegat;

3. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi kif qabel imsemmi jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* jhallsu lill-attrici s-somma hekk likwidata bl-interessi kummercjali.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Awissu 1993 kontra l-konvenuti *nomine* li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi u l-lista tax-xhieda a fol 3 u 4 tal-process;

Rat l-avviz tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph David Camilleri fejn il-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghat-23 ta' Mejju 1994.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut *et nomine* datata 21 ta' April 1994 a fol 11 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament, l-eccipjenti m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` Brittania Catering Co. Ltd. u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront ta' l-istess.

2. Illi sussegwentament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, r-rapprezentanza guridika tas-socjeta' konvenuta ma tirrisjedix fil-persuna ta' Nathalie Pace u ghalhekk il-konvenut nomine kif citat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi minghajr pregudizzu, l-attur *proprio* ma seta' jsofri l-ebda danni u ghaldaqstant it-talbiet attrici, in kwantu jirreferu ghall-attur proprju, ghandhom jigu michuda.

4. Illi minghajr pregudizzju wkoll, is-socjeta' attrici ma sofriet l-ebda danni u qed tuza' l-proceduri odjerni bhala pretest ghall-evazjoni tad-debitu assunt u konfermat diversi drabi mid-direttur taghha Louis Scicluna.

5. Illi mhux minnu li l-eccipjenti *nomine* naqas mill-obbligu tieghu jew fornixxa materjal difettuz.

6. Illi certi "*parts" tad-dumb-waiter*s ma gewx provduti *stante* li l-attur pro kien naqas li jhallas il-pagamenti dovuti minnu skond iz-zewg ftehimiet tal-11 ta' Mejju 1992. L-inadempjenza ta' l-attur wasslet lis-socjeta'

konvenuta biex tissospendi x-xoghlijiet taghha favur tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni a fol 12 tal-process;

Rat il-**kontro-talba tas-socjeta' konvenuta kontra l-attur Louis Scicluna personalment** datata 21 ta' April 2004 a fol. 14 tal-process fejn l-istess socjeta' ppremetiet:-

Illi fil-11 ta' Mejju 1992 is-socjeta' Natvic Lifts & Services Ltd kienet waslet ghal-ftehim ta' bejgh u istallazzjoni ta' zewg *"dumb'waiters"* fuq ordni ta' Louis Scicluna (Dok. "A" u "B"), u

Illi fil-fatt dawn kienu gew istallati fil-hanut maghruf bhala l-Magic Kiosk, tas-Sliema.

Illi minkejja li skond il-ftehim, Scicluna kellu jhallas lill-attur *nomine* hamsin fil-mija tal-prezz miftiehem hekk kif il-materjal jasal, dan baqa' ma hallas xejn; u
Illi l-konvenut ghandhu jhallas lill-attur *nomine* il-bilanc ta' Lm1,650 (elf, sitt mija u hamsin lira) dovuti ghall-materjal provdut oltre danni sofferti minnu minhabba l-inadempjenza fil-pagament miftiehem.

Illi ghalhekk l-istess socjeta' konvenuta talbet li din il-Qorti:-

1. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut *nomine* is-somma ta' Lm1,650 (elf, sitt mija u hamsin lira) dovuti bhala bilanc ta' prezz ta' istallazzjoni ta' zewg *dumb-waiters* skond il-kuntratti tal-11 ta' Mejju 1992.

2. Tiddeciedi u tiddikjara lill-attur rikonvenzjonat Louis Scicluna bhala personalment responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-konvenut *nomine* tort tal-inadempjenza tal-istess Scicluna fl-osservanza tal-kuntratti tal-11 ta' Mejju 1992.

3. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-konvenut *nomine.*

4. Tikkundanna l-konvenut ihallas id-danni likwidati kif intqal fuq.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-22 ta' Lulju 1993, tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Awissu 1993, tal-Mandat ta' Sekwestru u tal-Impediment ta' Safar pprezentati kontestwalment u bl-imghaxijiet kummercjali kontra l-attur rikonvenzjonat Louis Scicluna li jibqa' ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-soceta' konvenuta mal-kontro-talba taghha u l-lista ta' xhieda minn fol 15 sa 16 tal-process; l-ebda dokument ma' jidher li gie esebit ma' l-istess atti minkejja dak li jinghad a fol. 11 tal-process.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur Louis Scicluna ghal kontro-talba tal-konvenut *et nomine* li ggib id-data 29 ta' April 1994 a fol 18 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet tal-konvenuti *nomine* kontenuti fil-kontro-talba taghhom huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom billi x-xoghlijiet maghmula u esegwiti mill-konvenuti nomine fl-istallazzjoni taz-zewg *dumb-waiters* huma diffettuzi u ma sarux skond l-arti u s-sengha u anke hemm partijiet neqsin kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur Louis Scicluna a fol. 19 sa 20 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph D.Camilleri tat-23 ta' Mejju 1994 a fol 21, fejn deher l-attur assistit minn Dr. Simon Tortell. Il-Qorti tat digriet u innominat bhala Perit Legali lil Dr. Philip Manduca sabiex jirrelata fuq it-talbiet rispettivi tal-partijiet wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet rispettivi spejjez bin-nofs bejn il-partijiet. Il-kawza giet differita ghal-21 ta' Novembru 1994 ghar-rapport.

Rat ir-rikors ta’ Dr. Simon Tortell datat 18 ta’ Novembru 1994 (fol 22) fejn talab lill-Qorti joghgobha tiddifferixxi l-kawza ghal data ohra taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat il-verbali tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph David Camilleri tal-21 ta’ Novembru 1994; tal-15 ta’ Frar 1995; tal-15 ta’ Mejju 1995; tal-1 ta’ Novembru 1995 ; u tal-31 ta’ Jannar 1996 fejn deher Dr Simon Tortell ghall-atturi nomine u deher ukoll il-Perit Legali Dr Philip Manduca li talab lill-Qorti tiffissa xi seduti. Il-Qorti iffissat zewg seduti ghall-4 u t-18 ta’ Marzu 1996 u ordnat li f’dawn iz-zewg seduti l-atturi *nomine* ghandhom jezawrixxu il-provi taghhom. Il-kawza giet differita sabiex tinstema’ quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u ghar-relazzjoni ghat-22 ta’ April 1996.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tat-22 ta’ April 1996 (fol 29); tat-13 ta’ Mejju 1996 fejn Dr. Christian Farrugia nforma lill-Qorti li *“seduti mexjin b’mod regolari”*; tad-9 ta’ Ottubru 1996 fejn dehret Dr Sandra Caruana li nfurmat lill-Qorti li *“s-seduti mhux isiru”*. Il-Qorti nnominat lill-Assstent Gudizzjarju Joseph Bonello biex jghin fil-gbir tal-provi u l-kawza giet differita ghat-18 ta’ Frar 1997; tat-18 ta’ Frar 1997; tal-24 ta’ Gunju 1997 fejn deher Dr. Christian Farrugia ghall-konvenut u nforma lill-Qorti li ma sar ebda progress f’din il-kawza. Il-Qorti issollecitat lill-Perit Legali biex jibda jesplita l-inkarigu tieghu u ordnat li fis-seduta tal-11 ta’ Lulju 1997 jiddikjara ghandux aktar interess fl-inkarigu; tal-11 ta’ Lulju 1997 fejn il-Qorti kienet sprovista mill-process; tas-26 ta’ Settembru 1997 fejn ma deher hadd; tat-28 ta’ Jannar 1998 (fol 37) fejn deher Dr. Carlo Bisazza li assocja ruhu fil-patrocinju tal-konvenut u talab li jigi sostitwit il-Perit Legali peress li ma kienux qed jinzammu seduti. Il-Qorti laqghet it-talba u nnominat minfloku lil Dr.Joseph Buttigieg. Il-kawza giet differita ghall-15 ta’ Gunju 1998 ghar-rapport;

Rat ir-rikors tal-Perit Legali Dr Joseph Buttigieg datat 26 ta’ Frar 1998 a fol 39 tal-process fejn talab lil din il-Qorti kif diversament presjeduta sabiex joghgobha illi f’dan il-kaz tezonerah mill-inkarigu ta’ Perit Legali f’din il-kawza. Il-Qorti laqghet it-talba fid-digriet taghha tas-6 ta’ Marzu 1998 (fol 40) u issossttitwiet minn floku lil Dr.Yana Micallef Stafrace bl-istess inkarigu.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorabbli Mhallef Noel Arrigo tal-15 ta’ Gunju 1998 (fol 38) fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-Qorti nnotat li l-Perit Legali Dr Yana Micallef Stafrace ma tafx bl-inkarigu lilha moghti b’digriet tas-6 ta’ Marzu 1998. Il-Qorti ordnat komunika lil Dr. Yana Micallef Stafrace li kellha tieghu konjizzjoni tal-process. Il-kawza giet differita ghall-14 ta’ Dicembru 1998; u tal-14 ta’ Dicembru 1998 fejn Dr. Yana Micallef Stafrace hadet konjizzjoni tal-process

Rat l-avviz tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tal-11 ta’ Gunju 1999 (fol 44) fejn il-kawza giet differita biex tinstema’ ghall-11 ta’ Gunju 1999 quddiem Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorabbli Mhallef David Scicluna.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna (fol 45) fejn deher Dr. Carlo Bisazza ghall-konvenut li nforma lill-Qorti li l-atturi ghadhom ma spiccawx il-provi taghhom. Il-kawza giet differita ghall-15 ta’ Ottubru 1999; tal-15 ta’ Ottubru 1999 fejn ma deher hadd; tas-26 ta’ Jannar 2000; tal-4 ta’ April 2000 fejn ma deher hadd; tal-11 ta’ Lulju fejn ma deher hadd; u tal-21 ta’ Novembru 2000 fejn dehret Dr. Kathleen Zarb Adami ghall-konvenuti li nformat lill-Qorti li *“s-seduti ser isiru”.*

Rat in-nota ta’ Dr Simon Tortell datata 5 ta’ Marzu 2001 (fol 51) li permezz taghha rrinunzja ghall-patrocinju ta’ l-attur *nomine.*

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorabbli Mhallef David

Scicluna tat-23 ta' Frar 2001 (fol 52) fejn dehret Dr Yana Micallef Stafrace. Il-Qorti *"ordnat li tinzamm seduta finali fid-29 ta' Marzu 2001 ghall-finalizzazzjoni tal-provi tal-partijiet u wara anke fin-nuqqas il-Perit Legali hi awtorizzata tghaddi ghar-rapport".* Il-kawza giet differita ghat-22 ta' Gunju 2001; tat-22 ta' Gunju 2001 fejn ma deher hadd; u tas-17 ta' Ottubru 2001 (fol 55) fejn deher Dr Carlo Bisazza u pprezneta nota ta' rinunzja ghall-patrocinju tal-konvenut et nomine (fol. 54). Dr. Kathleen Zarb Adami ddikjarat ghal kull *buon fini* li hi assumiet il-patrocinju tas-socjeta` konvenuta. Il-Qorti fil-waqt li rreferiet lill-Perit Legali ghall-verbal tat-23 ta' Frar 2001 u ddifferiet il-kawza ghat-8 ta' Frar 2002 ghar-rapport; u tat-8 ta' Frar 2002.

Rat l-avviz tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tal-20 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita biex tinstema' quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Anton Depasquale fil-11 ta' April 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Anton Depasquale tal-11 ta' April 2002 fejn dehret biss il-Perit Legali Dr Yana Micallef Stafrace. Il-Qorti ordnat lill-imsemmija Perit Legali sabiex izzomm seduta finali u awtorizzatha sabiex wara tghaddi ghar-rapport. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghall-20 ta' Gunju 2002; u tal-20 ta' Gunju 2002;

Rat l-avviz tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Anton Depasquale tat-13 ta' Novembru 2002 (fol 60) fejn il-kawza giet differita sabiex tinstema' quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghall-1 ta' April 2003.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datati l-1 ta' April 2003 fejn il-Qorti ordnat *"lill-Perit Legali tikkonkludi r-rapport minghajr dewmien. Il-kawza giet differita ghat-3 ta' Gunju 2003 ghar-rapport".*

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datati 3 ta' Gunju 2003, 9 ta' Lulju 2003, 8 ta' Ottubru 2003 fejn il-kawza giet differita ghall-hlas u konferma tar-rapport, 28 ta' Novembru 2003, 20 ta' Jannar 2004 fejn il-kawza giet ghal darba ohra differita ghall-hlas u konferma tar-rapport; tal-25 ta' Frar fejn dehret Dr. Lara Lanfranco ghal konvenut u gie verbalizzat minn din il-Qorti diversament presjeduta li *"peress li l-parijiet ghadhom mhux notifikati bit-taxxa relattiva ghar-rapport tal-perit legali tordna li a kura tar-registratur isiru tentattivi ohra biex il-partijiet ikunu notifikati. Il-kawza giet diferita ghal hlas u konferma tar-rapport ghat-18 ta' Marzu 2004".*

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datata 18 ta' Marzu 2004 *"fejn deher Dr. Christian Farrugia ghall-konvenut u nforma l-Qorti li nonostante li l-ispejjez tar-rapport ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet, il-klijent tieghu ser ihallas l-ispejjez kollha tal-perit legali sabiex il-kawza tkun tista' tigi konkluza. Il-kawza qed tigi differita ghall-hlas u konferma tar-rapport ghall-20 ta' April 2004".*

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datata 20 ta' April 2004 fejn dehret il-Perit Legali Dr. Yana Micallef Srafrace u l-kawza giet *"differita ghall-ahhar darba ghal hlas tar-rapport u fin-nuqqas il-kawza tithalla sine die ghas-26 ta' Mejju 2004".*

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-26 ta' Mejju 2004; 8 ta' Lulju 2004 fejn il-Qorti *"awtorizzat lill-Perit Legali tikkonferma r-rapport fir-registru b'dan li t-terminu kontemplat fl-artikolu 677 jibda jiddekorri mis-seduta li jmiss. Il-kawza giet differita ghal konferma u ezami tar-rapport ghas-6 ta' Ottubru 2004".*

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-6 ta' Ottubru 2004 fejn dehret Dr. Yana Micallef Stafrace u nformat lill-Qorti li d-dritt ghadu ma thallasx. Dehret Dr. Katia Mercieca ghal konvenuti u talbet l-ahhar differiment ghal hlas tar-rapport u l-Qorti ordnat li *"stante li l-kawza ilha differita ghal hlas tar-rapport mit-8 ta' Ottubru 2003 tiddifferixxi l-kawza sine die".*

Rat ir-rikors tal-konvenut *et nomine* datat 4 ta' Frar 2005 fejn talbet li l-kawza tigi riappuntata; id-digriet ta' din il-Qorti hekk diversament presjeduta datata 8 ta' Frar 2005 fejn fl-ewwel lok ordnat li r-rikorrenti ghandu jipprezenta prova dokumentarja li d-dritt tal-perit huwa mhallas (*vide* fol. 70).

Rat in-nota ta' l-4 ta' April 2005 fejn l-konvenut *et nomine* iddikjara u kkonferma li l-perit legali thalset, izda ma kien hemm ebda dokument ma' l-istess nota a fol, 77 tal-process.

Illi l-Qorti rat ir-rikors pprezentat quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-konvenut *et nomine* fit-3 ta' Mejju 2005 fejn talab li l-Qorti *"tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tal-5 ta' April 2005 fejn iddikjarat l-abbandun tal-kawza fl-ismijiet premessi, terga' tirriappunta l-kawza ghas-smiegh u taghti kwalunkwe provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun";* id-digriet tal-Qorti datat 16 ta' Mejju 2005 fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti u lir-Registratur tal-Qorti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta; nota tal-konvenut et nomine datata 5 ta' Mejju 2005 li kkonferma li hallas ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Yana Micallef Stafrace u d-dokument anness a fol. 82 tal-process fejn hemm VAT *receipt* datata 21 ta' Ottubru 2004; id-digriet tal-Qorti datat 31 ta' Awissu 2005 fejn ddecretat li *"rat ir-rikors; rat li l-attur debitament notifikat ma pprezentax risposta; Rat in-nota tal-konvenut tal-4 ta' April 2005 li ngabet a konjizzjoni tal-Qorti ferm wara l-5 ta' April 2005; peress li t-talba hija gustifikata; Tilqa' t-talba fis-sens li tirriappunta l-kawza ghas-smiegh ghall-5 ta' Ottubru 2005 fid-9.00.a.m."(fol. 83).*

Rat li l-istess rikors kien gie notifikat lill-attur fit-2 ta' Gunju 2005 kif jidher a tergo ta' fol. 89 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-5 ta' Ottubru 2005 fejn *inter alia "l-konvenut Victor Camilleri ta ruhu notifikat bl-avviz ta' ri-appuntament tas-smiegh tal-kawza"* u l-kawza giet differita ghall-konferma tar-rapport tal-perit legali Dr. Yana Micallef Stafrace; tal-4 ta' Novembru 2005 fejn il-perit legali Dr. Yana Micallef Stafrace kkonfermat ir-rapport taghha u li d-drittijiet taghha thallsu mill-konvenut (fl-ammont ta' Lm209.80 kif jidher mit-taxxa mid-deputat registratur is-Sur Bruno Zahra datata 27 ta' Frar 2004 -Numru tar-registru 3530) u li hemm indikat *"li ntbghatet ghan-notifika fil-25 ta' Frar 2005"* – fol. 69) u l-kawza giet differita ghall-ezami tar-rapport u prezentata tan-nota ta' kritika *da parte* tal-konvenut bil-visto tal-kontro-parti.

Rat ir-relazzjoni peritali ta' Dr. Yana Micallef Stafrace datata 6 ta' Ottubru 2003 minn fol. 88 sa fol. 97 tal-process u mahlufa fil-4 ta' Novembru 2005.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem l-istess Perit Legali datati 25 ta' Mejju 2000 fejn ma sar xejn u l-attur u d-difensur tieghu ma dehrux; tal-4 ta' Ottubru 2000 fejn ma sar xejn ghaliex ma deher hadd; tas-6 ta' Novembru 2000 fejn xehed Victor Camilleri bhala direttur tas-socjeta' Natvic Lifts & Services Limited – fol. 99; ta' l-1 ta' Dicembru 2000 fejn ma sar xejn u tal-5 ta' Lulju 2002 fejn Dr. Christian Farrugia ddikjara li *'dan l-istadju m'ghandux aktar provi u jitlob li in vista tal-fatt li l-atturi qatt ma' attendew ghas-seduti jew urew interess fil-proceduri il-Perit Legali tghaddi ghar-relazzjoni fuq il-provi li hemm".* Jirrizulta li l-attur jew l-atturi qatt ma' dehru ghall-istess seduti kif jinsab verbalizzat minn fol. 98 sa fol. 111 tal-process u jinkludu wkoll avvizi tas-seduti mill-perit legali lill-attur/atturi u lid-difensuri taghhom.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel

Cuschieri tas-7 ta' Dicembru 2005 fejn il-kawza giet diferita minhabba ndispozizzjoni tal-Qorti ghas-16 ta' Frar 2006.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif presjeduta datata 16 ta' Frar 2006; u 26 ta' April 2006 fejn l-atturi u d-difensuri taghhom imsejhin diversi drabi baqghu ma dehrux u d-difensur tal-konvenuti rremetta ruhhu ghar-rapport u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.
Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tordna skond il-ligi korrezzjoni fil-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta b'dan li fl-ewwel talba l-kelma "konvenut" tigi sostitwieta bil-kelma "attur" u l-kliem "attur *noe*" ghandhom jigu sostitwieti bil-kliem "konvenut *noe*" u dan ghaliex jidher car li dawn kienu u huma biss zbalji ta' natura dattilografika jew ta' *typing.*

Illi din hija kawza pprezentata fit-2 ta' Marzu 1994, jigifieri il-fuq minn tnax-il sena ilu, fejn is-socjeta' attrici u l-attur Louis Scicluna sostna li kienu gew ordnati minghand is-socjeta' konvenuta zewg *dumb waiters* li kellhom jigi installati fil-post Magic Kiosk, St. Anne Square, Sliema u l-atturi allegaw li dan ix-xoghol sar hazin, ma kienx kompletat, u bil-konsegwenza li ma setax isir uzu mill-istess, tant li minhabba dan l-istess soceta' attrici u l-attur soffrew danni u wkoll l-istess xoghol kellu jkun kompletat minn terzi.

Illi s-socjeta' konvenuta ma qablet xejn ma' dan anzi sostniet li l-unika ordni li saret kien biss minn l-attur Louis Scicluna personalment, tant li ghalhekk mas-socjeta' attrici ma ghandha relazzjoni ta' xejn, izda mhux biss izda l-istess *dumb waiter lifts* ta' Lm1,700 u Lm1,500 rispettivament gew installati, u ghalkemm l-attur kellu jhallas ghall-materjal provdut dan baqa' inadempjenti, tant li l-attur qabbad terzi sabiex ikomplu l-istess xoghol, izda

baqa’ xorta wahda ma hallasx lis-socjeta’ konvenuta tal-apparat fornit lilu, u dan anke minkejja diversi weghdi mill-istess attur li kien ser ihallas l-istess ammont bilancjali dovut minnu; meta dan ma sehhx l-istess socjeta’ konvenuta pprezentat kontro-talba kontra l-attur personalment ghall-ammont ta’ Lm1,650 bilanc minn prezz ta’ istallazzjoni ta’ zewg *dumb waiters* kif indikat fl-istess kontro-talba u wkoll saret azzjoni ta’ danni allegati kkagunati lis-socjeta; konvenuta minhabba l-agir ta’ l-attur Louis Scicluna.

Illi jinghad li s-socjeta’ attrici u l-attur ma gabu l-ebda prova kwalunkwe dwar l-allegazzjonijiet kollha taghhom u fil-fatt apparti d-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni ma pprezentaw l-ebda xhieda u mhux biss izda s-socjeta’ attrici u l-attur ftit jew xejn dehru fil-kawza, anzi wara n-nota ta’ Dr.Simon Tortell tal-5 ta’ Marzu 2001 lanqas biss dehru iktar fil-kawza, u dan lanqas xi difensuri legali taghhom, u dan lanqas wara li l-kawza giet riappuntata ghall-5 ta’ Ottubru 2005. Ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda *stante* li lanqas biss hemm minimu ta’ prova dwar l-istess u dan meta l-oneru ta’ dak li kienu qed jallegaw kien jispetta lilhom. Jidher ukoll li l-istess socjeta’ attrici u l-attur lanqas dehru ghall-seduta wahda quddiem il-Perit Legali Dr. Yana Micallef Stafrace. Fl-istess seduti lanqas dehru xi difensuri ta’ l-istess socjeta’ attrici u l-attur.

Illi ghal dak li jirrigwarda il-kontro-talba attrici jirrizulta mill-provi prodotti u senjatament mix-xhieda ta’ Victor Camilleri ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta quddiem il-brava Perit Legali Dr. Yana Micallef Stafrace, li l-unika relazzjoni li kienet tezisti dwar l-ordni mertu tal-kawza odjerna kienet biss ma’ l-attur u mhux mas-socjeta’ attrici. Fil-fatt l-istess konvenut sostna li tali *lifts* gew stallati kif mifiehma bejn il-partijiet u kif l-istess indika fix-xhieda tieghu moghtija fis-6 ta’ Novembru 2000 quddiem l-istess Perit Legali u l-Qorti taghmel riferenza ghall-istess xhieda a fol. 99 tal-process. Ikkonferma li l-bilanc dovut kien ta’ Lm1,650 u dan ghaliex mis-somma ta’ Lm2,750 valur globali ta’ l-istess *lifts*, l-attur hallas biss is-somma ta’ Lm1,100 u ghalhekk baqa’ bilanc mitlub fil-kontro-talba tas-socjeta’ konvenuta kontra

l-attur personalment. Hawn din il-Qorti tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet tal-perit legali dwar l-istess u taddotahom biss inkwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, inkluz dik li l-unika relazzjoni li kellha s-socjeta' konvenuta kienet biss ma' l-attur Louis Scicluna personalment. B'hekk l-ewwel talba tas-socjeta' konvenuta fil-kontro-talba taghha qed tigi milqugha kif proposta u fl-ammont mitlub.

Illi dwar it-tieni, it-tielet u r-raba' talba tal-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta, hlief ghall-imghax fuq l-istess li din il-Qorti ser tipprovdi ghalih f'din id-decizjoni kif ser jinghad iktar il-quddiem, tichad l-istess talbiet tas-socjeta' konvenuta fil-kontro-talba taghha u dan peress li hawn ukoll is-socjeta' konvenuta ma resqet l-ebda prova dwar l-istess.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet tal-konvenut *et nomine* biss in kwantu l-istess huma kompatibbli ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** *stante* li huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez tac-citazzjoni attrici u l-azzjoni attrici nkluz tar-relazzjoni peritali kontra l-atturi.

Illi fir-rigward tal-**kontro-talba tas-socjeta' konvenuta kontra l-attur Louis Scicluna personalment,** ghall-istess motivi fuq indikati, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad eccezzjonijiet ta' l-attur Louis Scicluna ghall-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta, u fil-waqt li **tichad it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet tas-socjeta' konvenuta** *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz, **tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta' Natvic Lifts and Services Limited konvenuta kontra l-attur Louis Scicluna personalment** kif hawn deciz b'dan illi:-

1. Tikkundanna lill-attur Louis Scicluna jhallas lis-socjeta' konvenuta is-somma ta' Lm1,650 (elf, sitt mija u hamsin

lira) dovuti bhala bilanc ta’ prezz ta’ istallazzjoni ta’ zewg *dumb-waiters* skond il-kuntratti tal-11 ta’ Mejju 1992.

Bl-ispejjez ta’ l-ewwel talba tal-kontro-talba, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tat-22 ta’ Lulju 1993 u tal-ittra ufficjali tat-23 ta’ Awissu 1993, u tal-Mandat ta’ Sekwestru u Mandat ta’ Impediment tas-Safar pprezentati kontestwalment ma’ l-istess kontro-talba u bl-imghax kummercjali mid-data tat-23 ta’ Awissu 2003 sa l-effettiv pagament kontra l-istess attur Louis Scicluna, b’dan pero` li s-socjeta’ konvenuta ghandha tbati l-ispejjez tat-tieni, it-tielet u r-raba’ talba tal-kontro-talba taghha.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------